



Brussell, 9 ta' Diċembru 2025
(OR. en)

15824/25

LIMITE

CORLX 1115
CFSP/PESC 1699
COLAC 193

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319
dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċizzjoni (PESK) 2022/2319¹.
- (2) Fit-28 ta' Lulju 2023, il-Kunsill adotta d-Deċizzjoni (PESK) 2023/1574², li emendat id-Deċizzjoni (PESK) 2022/2319, u b'hekk tistabbilixxi qafas iddedikat għal miżuri restrittivi mmirati kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Haiti u għal azzjonijiet li jdgħajfu d-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Haiti, kif ukoll kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom.
- (3) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew iddikjara li kien għadu mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni fil-Haiti u appella għal sanzjonijiet ġodda mmirati kontra individwi u entitajiet responsabbli għall-vjolenza, bl-għan li jgħin sabiex jerġa' jkun hemm il-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Haiti.

¹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2319 tal-25 ta' Novembru 2022 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti (ĠU L 307, 28.11.2022, p. 135, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/2319/oj>).

² Id-Deċizzjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1574 tat-28 ta' Lulju 2023 li temenda d-Deċizzjoni (PESK) 2022/2319 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Haiti (ĠU L 192, 31.7.2023, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1574/oj>).

- (4) Fid-dawl tas-sitwazzjoni politika, ekonomika, ta' sigurtà u umanitarja li qed tiddeterjora fil-Haiti, inkluż ir-riżultati taż-żieda fil-vjolenza minn gruppi organizzati, l-abbużi serji tad-drittijiet tal-bniedem mingħajr waqfien imwettqa minn gruppi organizzati, u l-impunità kontinwa għall-awturi ta' reati, jenħtieġ li tliet individwi u entità waħda jżiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

L-Anness II tad-Deċiżjoni (PESK) 2022/2319 huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura “A. Lista ta' persuni fiżiċi msemmijin fl-Artikolu 2a(1) u fl-Artikolu 3a(1)”, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
“7.	Michel Joseph MARTELLY magħruf ukoll bħala Sweet Micky	Funzjoni: eks President tal-Haiti (2011-2016); eks President tal-CARICOM (Jannar 2023 - Lulju 2023)	Michel Martelly, l-eks President tar-Repubblika tal-Haiti (2011-2016), ipparteċipa direttament fil-ħolqien tal-grupp organizzat Base 257. Huwa ffinanzja, sponsorja u appoġġa diversi gruppi organizzati, b' mod partikolari Base 257, iżda ukoll Village de Dieu, Ti Bois u Grand Ravine, biex jiddefendi l-interessi ekonomiċi tiegħu, imexxi 'l quddiem l-aġenda politika tiegħu u jikkontrolla t-territorji, b' mod partikolari billi pprovdihom b'armi tan-nar u pistoli. Billi ffinanzja dawk il-gruppi, huwa responsabbli wkoll għall-abbużi li wettqu u għalhekk ikkontribwixxa finanzjarjament għall-insigurtà u l-instabbiltà fil-Haiti. Għalhekk, Michel Martelly huwa responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Haiti.	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data fid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni bħala d-data tal-inklużjoni fil-lista.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
8.	Youri LATORTUE	Funzjoni: eks konsulent tal-President Michel Martelly (2011–2016); eks President tas-Senat (2017-2018); eks senatur tad-dipartiment Artibonite; koordinatur tal-partit “L’Ayiti an Aksyon” (AAA), preċedentement magħruf bħala “L’Artibonite en Action” (LAAA)	<p>Youri Latortue huwa l-fundatur tal-partit politiku “L’Ayiti an Aksyon” (AAA), eks senatur tad-dipartiment Artibonite, u eks konsulent tal-President Michel Martelly matul il-presidenza tiegħu (2011–2016). Huwa serva wkoll bħala president tas-Senat mit-13 ta' Jannar 2017 sad-9 ta' Jannar 2018.</p> <p>Youri Latortue arma u ffinanzja l-gruppi organizzati “Raboteau” u “Kokorat San Ras”, biex jippromwovi l-aġenda politika tiegħu u jiddefendi l-interessi personali u ekonomiċi tiegħu, b'mod partikolari fid-dipartiment Artibonite. Dawk il-gruppi organizzati għadhom attivi llum, u jinvolvu ruħhom fil-ħtif u r-rikattar organizzat, fost attivitajiet oħra.</p> <p>Għalhekk, Youri Latortue huwa responsabbli indirettament għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Haiti.</p>	+

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data fid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni bħala d-data tal-inklużjoni fil-lista.

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
9.	Rony CELESTIN magħruf ukoll bħala Rony APPOLON	Funzjoni: eks deputat senatur (2011-2017);, eks senatur (2017-2023)	Rony Celestin, eks senatur tal-Haiti, huwa involut fi vjolenza marbuta ma' gruppi armati u kuntrabandu. B'mod partikolari, huwa jinżamm responsabbli għall-orkestrazzjoni tal-qtil tal-ġurnalista Néhémie Joseph, li kixef l-attivitajiet illegali u l-korruzzjoni tiegħu. Għalhekk, Rony Celestin huwa responsabbli indirettament għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Haiti.”	+”;

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data fid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni bħala d-data tal-inklużjoni fil-lista.

(2) taħt l-intestatura : “B. Lista ta' persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmin fl-Artikolu 3a(1)”, jiżdedu t-tabella u l-entrata li ġejjin:

“

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet	Data tal-inklużjoni fil-lista
1.	Grupp organizzat 5 Segond	Grupp organizzat Haitjan ibbażat fil-viċinat ta' “Village de Dieu”, f'Port-au-Prince	<p>Il-grupp organizzat 5 Segond huwa grupp organizzat ta' setgħa kbira f'Haiti, ibbażat fil-viċinat ta' Village de Dieu f'Port-au-Prince. Il-mexxej tiegħu huwa Johnson André, magħruf ukoll bħala “Izo”. Il-grupp organizzat 5 Segond kien uffiċjalment parti mill-alleanza tal-gruppi organizzati G-Pèp. FI-2024, G-Pèp u r-rivali preċedenti tagħha, G9 Family and Allies, iffurmaw koalizzjoni ġdida, Viv Ansanm magħrufa wkoll bħala Ngħixu Flimkien. Flimkien, huma żiedu l-attakki kontra l-istituzzjonijiet tal-istat u kkontribwew għall-instabbiltà. Il-grupp organizzat 5 Segond iwettaq ukoll serq, stupru, ħtif ta' persuni, qtil, piraterija u estorsjoni, ifixkel l-għajjnuna umanitarja u jieħu sehem fit-traffikar ta' armi u drogi.</p> <p>Għalhekk, il-grupp organizzat 5 Segond huwa responsabbli għal azzjonijiet li jheddu l-paċi, is-stabbiltà u s-sigurtà tal-Haiti.</p>	+

”.

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data fid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni bħala d-data tal-inklużjoni fil-lista.